



Kumitat għall-Baġits

2018/0232(COD)

6.11.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "Dwana" għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana (COM(2018)0442 – C8-0261/2018 – 2018/0232(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Ivan Štefanec

PA_Legam

EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

**Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(4a) Il-Programm Doganali se jkun strumentali fl-iffaċilitar u t-titjib tal-ħidma tal-awtoritajiet doganali għall-ġbir tad-dazji doganali, li jirrappreżentaw sors importanti ta' dħul għall-UE u l-baġits nazzjonali. Dan il-programm se jikkontribwixxi b'mod effettiv biex ikunu protetti l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha billi jiffoka fuq il-bini tal-kapaċità u fuq kooperazzjoni akbar fil-qasam tad-dwana.

Emenda 2

**Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(11a) B'mod partikolari, il-Programm Doganali jeħtieġ li jkun konsistenti u jisfrutta s-sinerġiji kollha flimkien ma' programmi ta' azzjoni u fondi oħrajn tal-UE b'objettivi simili f'oqsma relatati bħall-Programm Fiscalis, il-Programm tal-UE Kontra l-Frodi u l-Programm tas-Suq Uniku, kif ukoll mar-regolamenti u l-miżuri ta' implimentazzjoni tal-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri Esterni u l-Viża, tal-Programm ta' Appoġġ għal Riforma, tal-Programm Diġitali Ewropew, tal-

Emenda 3

Proposta għal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Għal dan ir-Regolament japplikaw ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist pubbliku, premjijiet u implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu kontrolli tar-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, peress li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni essenzjali għall-ġestjoni finanzjarja tajba u l-finanzjament effettiv mill-UE.

Emenda

(19) Għal dan ir-Regolament japplikaw ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dawn ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju u jiddeterminaw b'mod partikolari l-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist pubbliku, premjijiet u implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu kontrolli tar-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, peress li r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni essenzjali għall-ġestjoni finanzjarja tajba u l-finanzjament effettiv mill-UE. ***L-implimentazzjoni ġenerali tal-Programm Doganali, inklużi l-kuntratti ffinanzjati kompletament jew parzjalment mill-baġit skont dan il-programm, jenħtieġ li jirrispettaw il-prinċipji tat-trasparenza, tal-proporzjonalità, tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni.***

Emenda 4

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-pakkett finanzjarju għall-

PE626.967v02-00

Emenda

1. Il-pakkett finanzjarju għall-

4/8

AD\1167449MT.docx

implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021 - 2027 għandu jkun ta' EUR 950 000 000 fi prezzijiet kurrenti.

implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021-2027 għandu jkun ta' EUR **842 844 000 fi prezzijiet tal-2018** (EUR 950 000 000 fi prezzijiet kurrenti).

Emenda 5

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-esperti esterni għandhom jintgħażlu mill-Kummissjoni abbażi tal-ħiliet, l-esperjenza u l-għarfien rilevanti tagħhom għall-azzjoni speċifika, **u** b'tali mod li jiġi evitat **kull** kunflitt ta' interess.

Emenda

3. L-esperti esterni għandhom jintgħażlu mill-Kummissjoni abbażi tal-ħiliet, l-esperjenza u l-għarfien rilevanti tagħhom għall-azzjoni speċifika, b'tali mod li jiġi evitat **kwalunkwe** kunflitt ta' interess, **u billi jintlaħaq bilanċ bejn ir-rappreżentanti tan-negozji u esperti tas-soċjetà ċivili oħrajn. Il-proċess tal-għażla għandu jikkunsidra wkoll il-bilanċ bejn is-sessi fost l-esperti esterni, skont il-prinċipju tal-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-lista ta' esperti esterni għandha tiġi aġġornata regolarment u ppubblikata.**

Emenda 6

Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, u l-azzjonijiet u r-riżultati tagħha. Ir-riżorsi finanzjarji allokatu għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni **korporattiva** dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

Emenda

2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, u l-azzjonijiet u r-riżultati tagħha. Ir-riżorsi finanzjarji allokatu għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3.

PROCĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment tal-programm "Dwana" għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-dwana
Referenzi	COM(2018)0442 – C8-0261/2018 – 2018/0232(COD)
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 14.6.2018
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 14.6.2018
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Ivan Štefanec 11.7.2018
Eżami fil-kumitat	24.9.2018
Data tal-adozzjoni	5.11.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 26 –: 2 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean Arthuis, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, André Elissen, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, John Howarth, Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk, Vladimír Maňka, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Daniele Viotti, Tiemo Wölken, Marco Zanni
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Karine Gloanec Maurin, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Ivana Maletić, Andrey Novakov, Marco Valli
Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Michael Detjen, Stefan Gehrold

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

26	+
ALDE	Jean Arthuis, Gérard Deprez
ECR	Bernd Kölmel, Zbigniew Kuźmiuk
PPE	Reimer Böge, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Stefan Gehrold, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Alain Lamassoure, Janusz Lewandowski, Ivana Maletić, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Inese Vaidere
S&D	Michael Detjen, Eider Gardiazabal Rubial, Karine Gloanec Maurin, John Howarth, Vladimír Maňka, Isabelle Thomas, Daniele Viotti, Tiemo Wölken
VERTS/ALE	Indrek Tarand

2	-
ENF	André Elissen
NI	Eleftherios Synadinos

2	0
EFDD	Marco Valli
ENF	Marco Zanni

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni